**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 4 ta' Frar, 2002**

**Numru**

**Avviz numru 1045/01**

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**vs**

**Shielal Holdings Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm51.46c (wiehed u hamsin Liri Maltin u sitta w erbghin centezmi) rappresentanti hlas ta' royalty u kwantu ghal erbgha u erbghin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm44.75) royalty u sitt Liri Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm6.71c) taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-istess royalty dovut bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja Nru 010563 (Dok A) rilaxxjata mis-socjeta

attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbilment Giordano ghall-perjodu mis-6 ta‘ Mejju 2001 sal-5 ta‘ Mejju, 2002.

Is-socjeta attrici talbet ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovut fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll-ispejjes tal-avviz, komprizi dawk tal-ittra legali tal-31 ta’ Lulju 2001, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta konvenuta baqghet ma ipprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema’ lil PL Josette Attard tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-s-somma ta’ Lm51.46c (wiehed u hamsin Liri Maltin u sitta w erbghin centezmi) rappresentanti hlas ta’ royalty.  Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**